# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 99/2022 ISB**

**Robert Micallef (KI. 415056M)**

**u Elaine Brincau (KI. 410781M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Robert Micallef et**, intavolat fit-3 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

1. ***TIDDIKJARA*** *illi meta sar l-istralc tas-Socjeta Custom Lab (P-1844) u konsegwentament meta giet imhassra l-istess Socjeta mir-Registru tal-Kumpanniji cioe l-Malta Business Registry kien ghad fadal assi ta' l-istess Socjeta fuq isimha.*

2. ***TORDNA*** *illi is-Socjeta Custom Lab (P-1844) terga tigi restitwita fuq ir-registru u li l-istralc taghha jerga jinfetah u dan bl-iskop uniku illi issir likwidazzjoni kompleta ta' l-istess Socjeta u dan billi l-assi li fadal f'isem l-istess Socjeta jigu trasferiti u dana*

*taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni skond ic-cirkostanzi.*

3. ***TAGHTI** dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa u opportuni sabiex l-istess rikorrenti jkunu jistu jikkompletaw l-likwidazzjoni ta' l-assi socjetarji li thallew barra u ma gewx likwidati skond il-ligi.*

4. ***TORDNA** li kopja ufficjali tas-sentenza ossia l- ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifikata jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ossia lil Malta Business Registry ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

U dan wara li ppremettew:

***1.*** *Illi l-esponenti kienu socji flimkien fis-socjeta' kollettiva Custom Lab li kellha numru ta' registrazzjoni P 1844, liema socjeta' kellha l-ufficju taghha gewwa "Kikiloo, 26 Triq Olaf Gollcher, B'Kara" u regolata permezz tal-partnership agreement, anness u mmarkat '**Dok. CL1'**.*

***2.*** *Illi din is-socjeta' giet kostitwita fl-27 ta' Dicembru 2018 u dan wara li saret konverzjoni ta' l-istess Socjeta' minn wahda limited liability, ossia Custom Lab Limited b'numru ta' registrazzjoni C-8334, ghal Custom Lab b'numru ta' registrazzjoni P 1844 u dan skond ic-certifikat mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji, anness u mmarkat '**Dok. CL2'**.*

***3.*** *Illi meta saret din il-konverzjoni l-assi li kienu jappartjenu ghas-socjeta' Custom Lab Limited gew trasferiti ipso facto fis-Socjeta kollettiva Custom Lab.*

***4.*** *Illi permezz ta' avviz datat 31 ta' Dicembru 2019, is-soci tas-Socjeta kollettiva Custom Lab infurmaw lis-socjeta konvenuta permezz tal-Formola B illi is-Socjeta Custom Lab giet xolta, kopja ta' l-istess annessa u mmarkata **'Dok. CL3'**.*

***5.*** *Illi din is-Socjeta giet xolta bi qbil bejn is-soci u ghalhekk ma giex mahtur stralcarju.*

***6.*** *Illi konsegwentament, is-Socjeta Custom Lab giet stralcjata u ir-Registratur gie debitament notifikat dwar dan u l-istess Socjeta mhassra mir-registru tal-kumpanniji ossia l-Malta Business Registry skond certifikat anness u mmarkat '**Dok. CL4'**.*

***7.*** *Illi irrizulta illi meta sar l-istralc ta' l-istess socjeta' kollettiva kien fadal zewg assi li jappartjenu l-istess socjeta u li ma gewx trasferiti cioe garaxx bl-isem "Twango" gia "Si" sottopost maisonette beni ta' haddiehor, f'Olaf Gollcher Street, Ta' Paris, Birkirkara liema propjeta kienet orginarjament akkwistata mill-antekawza tas-Socjeta kollettiva Custom Lab ossia Custom Lab Limited skond kuntratt in atti tan-Nutar Pierre Attard datat 30 ta' Awissu 1994, kopja annessa u mmarkata **Dok. CL5**, flimkien ma' vettura tat-tip Toyota Yaris b'numru ta' registrazzjoni KBP028, kopja tar-registrazzjoni annessa u mmarkata **Dok. CL6**.*

***8.*** *Illi peress illi bi zvista tas-soci tas-socjeta' kollettiva dawn l-assi ma' gewx trasferiti, gialadarba din is-socjeta giet stralcjata u mhassra mir-registru, dawn l-istess assi issa ma jistghux jigu trasferiti bla ebda mod minghajr ma' jerga jinfetah il-process ta' l-istralc.*

***9.*** *Illi ghalhekk jenhtieg illi din l-Onorabbli Qorti taghti dawk ir-rimedji xierqa fosthom billi l-isem tas-Socjeta jerga jigi restitwit fuq ir-registru u jerga jinfetah il-process ta' l-istralc tas-Socjeta kollettiva Custom Lab u dan bl-ghan uniku li jkun jista jsir it-trasferiment tal-assi mobbilarji u mmobilarji li ghadhom jappartjenu lil l-istess Socjeta kolletiva.*

***10.*** *Illi din l-Onorabbli Qorti diga kellha l-opportunita tideciedi fil-kawzi fl-ismijiet Salvatore Pisani vs Registratur tal-Kumpaniji (Deciza, PA, 19 ta' Novembru 2007) u George Muscat et vs X (Deciza, PA, 2 ta' Frar 2007) fuq talbiet verosimili fejn l-Onorabbli Qorti akkordat tali talba minkejja li l-Att Dwar il-Kumpanniji ma jipprovdix dispozizzjoni ad hoc ghal dan l- ghan bhal ma jipprovdi f' kaz ta' kumpanniji 'limited liability' ai termini tal-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***11.*** *Illi huwa koncepibbli illi is-Socji hadu zball meta ma inkludewx it-tali propjeta fl-istralc, izda tali zball certament kien wiehed genwin u bla ebda mod ma' kien xi abbuz tal-process u dan kif se jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

***12.*** *Illi jekk ma jinghatax dan ir-remedju il-pregudizzju li jsofru ir-rikorrenti huwa wiehed kbir u serju stante li devoluzzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi minn fuq is-Socjeta Custom Lab qatt ma tkun tista issir b'dan illi l-esponenti qatt ma jigu rikonoxxuti bhala sidien tal-propjeta (li fir-realta' hija taghhom).*

***13.*** *Illi fis-sentenza fl-ismijiet Francis Mifsud et vs X deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2015 il-Qorti tal-Appell inter alia qalet hekk:*

*Huwa koncepibbli l-izball li dahlu fih meta qasmu l-proprjeta` immobbli "taghhom" u ma qiesux li l-proprjeta` kienet, in parte, tassocjeta` taghhom fejn il-membri ghandhom responsabbilta` illimitata. Huma hasbu li l-proprjeta` tas-socjeta` hija taghhom (kif fir-realta` hi) u ma hasbux biex jinkluduha bhala parti fl-att notarili ta' divizjoni.* ***Dan mhux kaz ta' abbuz ta' process, u ghalkemm irrikorrenti naqsu qabel ma talbu it-thassir tas-socjeta` mir-registru relattiv milli jaccertaw ruhhom illi l-affarijiet tas-socjeta` gew verament konkluzi, dan ghandu jirrifleti l-capo spese, u mhux ir-rimedju li ghandu jinghata. (enfasi tar-rikorrenti)***

***14.*** *Illi f'dik il-kawza il-Qorti kompliet billi akkordat l-Appell u laqghet it-talba ghar-rimedju sabiex is-Socjeta kollettiva terga titpogga fir-Registru. Ta' l-istess hsieb ukoll kienet din l-Onorabbli Qorti f'sentenzi aktar ricenti fosthom dik ta' Edward Micallef et vs X (deciza 30 ta' Mejju 2019) u Stephen Gove' vs X (deciza 6 ta' Dicembru 2021) fejn intlaqat it-talba sabiex Socjeta kolletiva tigi restitwita fuq ir-Registru u dan sabiex ikun jista jsir l-istralc taghha b'mod komplet.*

***15.*** *Illi ghalhekk ir-rimedju mitlub huwa merituz, gust u ekwu u bla ebda mod ma' jippregudika terzi stante li dak li gara huwa illi biz-zball, u bla ebda mod forma ta' abbuz tal-process, meta giet stralcjata u konsegwentament imhassra mir-registru is-Socjeta kolletiva Custom Lab kien fadal f'isimha assi mobbilarji u immobbilarji, liema assi ghad irridu jigu trasferiti.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 19).

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta` Ottubru 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Ottubru fl-10:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-17 ta' Ottubru 2022 (ara tergo ta` fol 23).

Rat illi fis-7 ta' Novembru 2022, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 26), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża, peress illi l-esponenti m'hijiex edotta mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti, hija tirrimetti ruħha mill-ġudizzju abbli ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-partnership in kwistjoni ġiet stabbilta bħala riżultat ta' konverżjoni ta' kumpanija u sussegwentement ġiet ikkanċellata taħt id-dispożizzjoni tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995. Illi fl-istess Att m'hemm l-ebda provvediment illi*

*jipprovdi għall-ftuħ u għar-rattifika tal-proċess ta' stralċ wara illi l-isem ta' partnership ikun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi tali rimedju kien ġie estiż għall-partnerships, bħal każ tal-lum, b'riżultat ta' ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi għaddew sabiex jagħtu tali rimedju meta jiġi pruvat għas-sodisfazzjon tagħhom l-element sina qua non illi jinħtieġ l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, speċifikament l-element ta' illegalità ta' natura materjali;*

*Illi l-esponenti ma tixtieqx illi jinħoloq preċedent abbużiv u perikoluż fejn is-soċji jibdew il-proċess ta' stralċ ta' partnership u jippreżentaw id-dokumentazzjoni finali għall-kanċellament tal-isem tal-partneship b'mod leġġer bil-ħsieb komdu illi jekk wara tinqala l-ħtieġa dawn jistgħu japplikaw il-Qorti sabiex jikkoreġu dak illi kien fid-dmir u fl-interess tagħhom illi jieħdu ħsieb qabel ma jiffirmaw u jibgħatu d-dokumentazzjoni għax-xoljiment u konsegwentament għat-tħassir tal-isem tas-soċjetà minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi, dan premess, jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss illi, f'dan il-każ partikolari, għandha tagħti xi forma ta' rimedju dan għandu jiġi akkordat biss għar-raġunijiet u esiġenzi ta' ġustizzja u ekwita u kemm il-darba ma jistax jiġi provdut rimedju ieħor. Tali rimedju għandu jitqies bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju u mhux bħala wieħed illi jiġi aċċettat u akkordat faċilment;*

*Illi dan ir-rimedju m'għandux jitqies bħala wieħed illi jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuraġini jew negliġenza kommessi matul il-proċess ta' stralċ;*

*Illi l-esponenti tixtieq umilment tissolleva illi kwalunkwe ftuħ tal-proċess ta' stralċ għandu jsir biss sabiex isiru l-formalitajiet kollha li baqgħu ma sarux mis-soċji u għal ebda skop ieħor;*

*Illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan ir-rimedju eċċezzjonali għandu jiġi akkordat bħala wieħed straordinarju u fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalunkwe element ta' preġudizzju għal terzi persuni billi tiġi assikurata ta' ċertezza dwar l-istatus tal-partnership de quo. Għalhekk, fis-sentenza għandhom jiġu stabbiliti proċeduri u termini taż-żmien improrogabbli sabiex jiġu konklużi l-passi meħtieġa sabiex ir-Reġistratur tkun tista' tipproċedi kemm jista' jkun malajr għat-tħassir difinittiv tal-isem tas-soċjetà minn fuq ir-Reġistru mingħajr ma l-affarijiet jitwalu mingħajr bżonn.*

Rat in-nota tar-rikorrenti ntavolata fl-14 ta' Diċembru 2022 (fol 31) li permezz tagħha ppreżentaw l-affidavits tagħhom stess (Dok RM u Dok EB rispettivament, fol 32 sa fol 37).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023, dehru l-Avukat Thomas Bugeja u l-Avukat Maria Debono għar-rikorrenti, u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġsitratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023, xehdu **David Pace** li ppreżenta tlett dokumenti (Dok DP1 sa Dok DP3, fol 44 sa fol 63), u n-**Nutar Pierre Attard,** prodotti mir-rikorrenti u xehed ukoll ir-rikorrenti **Robert Micallef** minn jeddu.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023 id-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu u rat illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li r-rikorrenti kienu soċji flimkien fis-soċjeta' kollettiva **Custom Lab (P 1844)** li kienet regolata permezz ta' *partnership agreement* u ġiet kostitwita fis-27 ta' Diċembru 2018 u li ġiet xjolta fil-31 ta' Diċembru 2019 bi qbil bejn is-soċji u għalhekk ma kienx ġie maħtur stralċjarju.

Illi jirrizulta illi fil-kors tal-likwidazzjoni u l-eventwali distribuzzjoni tar-rimanenti assi tas-soċjeta' kollettiva Custom Lab, ir-rikorrenti naqsu milli jieħdu konjizzjoni ta' żewġ assi li jappartjenu lill-istess soċjeta' u ċioe' garaxx bl-isem 'Twango' ġia 'Si' sottopost maisonette li jappartjeni lil terzi, f'Olaf Gollcher Street, Ta' Paris, Birkirkara, kif ukoll vettura tat-tip Toyota Yaris b'numru ta' reġistrazzjoni KBP 028.

Illi jirrizulta illi in segwitu għal dak li ġara u l-ommissjoni da parti tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti għandhom interess illi s-soċjeta' kollettiva Custom Lab terġa` tiġi restitiwita fuq ir-Reġistru sabiex l-imsemmija assi jiġu ttrasferiti.

Illi jirriżulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuz. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fl-affidavit tiegħu, **Robert Micallef** jgħid li hu kien oriġinarjament waqqaf il-kumpanija Custom Lab Limited (C-8334) fis-sena 1986 u kienet *family run business* li tagħmel żvilupp tar-ritratti tal-fotografija. Jispjega li għal xi żmien kien jimpjega n-nies miegħu iżda biż-żmien peress li kollox beda jinqaleb diġitali, ix-xogħol beda jonqos u ma baqax iħoss aktar il-ħtieġa li jkompli jiġġestixxi n-negozju taħt kumpanija.

Jispjega li Custom Lab Limited fuq isimha kellha garaxx 'Twango', Olaf Gollcher Street, Ta' Paris, Birkirkara, liema garaxx kien jintuża bħala *store* u *workshop* għax-xogħol tal-kumpanija u kien inxtara madwar tletin (30) sena ilu. Jgħid li l-kumpanija kellha wkoll karozza tat-tip Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni KBP 028.

Jgħid li fl-2018 wara diskussjonijiet mal-familja u mal-accountant Godwin Marmara ġie deċiż li jikkonvertu l-kumpanija f'*partnership en nom collectif* u dan għar-raġuni

li kienet tinvolvi inqas spejjeż. Jispjega li dan il-proċess kien ħa ħsieb l-awditur David Pace, u fis-27 ta' Diċembru 2018 il-kumpanija kienet ġiet formalment ikkonvertita f'soċjeta *en nom collectif*. Jispjega li s-soċji tal-partnerhsip kienu hu u bintu Elaine Brincau.

Jispjega li ftit wara kienet marret magna li t-tibdil tagħha kien jinvolvi spiża konsiderevoli u ġialadarba x-xogħol kien naqas ħafna ma kienx jagħmel sens li l-magna tinbidel u ddeċidew li ma jagħmilx sens li jkomplu joperaw u għalhekk ħasbu biex ixolju l-Partnership ukoll.

Jgħid li l-proċess tax-xoljiment ħadet ħsiebu bintu Elaine u dan billi bdiet tikkomunika mal-*Malta Business Registry* lejn l-aħħar tas-sena 2019. Jispjega li matul il-proċess ma ntebħux illi l-garaxx u l-karozza kienu jappartjenu lil partnership u għalhekk ma kellhom l-ebda ħsieb li riedu jiffatturaw dawn l-istess assi. Jgħid li għalhekk ma kienx qal lit-tifla tiegħu dwarhom.

Jgħid li l-partnership Custom Lab ġiet xjolta fil-31 ta' Diċembru 2019 u *struck-off* fl-10 ta' Ġunju 2020.

Jispjega li madwar sena ilu, ried jifdi ċ-ċens ta' xi propjetajiet inkluż tal-garaxx fuq imsemmi u meta kien qed jorganizza l-karti, intebaħ li l-garaxx kien għadu jappartjeni lill-partnership u min aktar analiżi rriżulta l-istess dwar il-karozza. Isostni li fil-passat qatt ma kien joqgħod ifittex x'inhu reġistrat fuq min minħabba li bħala familja fin-negozju kien kollox tagħhom f'tagħhom.

Jgħid li meta ntebaħ b'dan kollu tkellem mal-Awditur David Pace u man-Nutar Pierre Attard u dan tal-aħħar infurmah li ma setax jagħmel tali trasferiment minħabba li l-partnership kien ġie xjolt u għalhekk kien jinħtieġ li ssir proċedura quddiem il-Qorti sabiex tiġi regolarizzata l-posizzjoni. Jikkonferma li l-garaxx u l-karozza huma l-unika żewġ assi li għadhom jappartjenu lis-soċjeta' *en nom collectif* Custom Lab.

Illi fl-affidavit tagħha **Elaine Brincau** tgħid li hi kienet soċja flimkien ma' missierha Robert Micallef fis-soċjeta' Custom Lab, li kienet kostitwita bħala *partnership en nom colletif* fis-27 ta' Diċembru 2018. Hija tikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' Robert Micallef sa fejn dan jirrigwarda x-xoljiment tal-partnership.

Tispjega li dan kien għall-aħħar tas-sena 2019 u f'dak iż-żmien kien hemm żewġ impjegati fis-soċjeta' u ċioe hi u ommha Violet nee` Preca. Tgħid li dan kien *family run business* u ma kienx hemm formaliżmu eċċessiv fit-tmexxija tan-negozju u għalhekk kien jagħmel sens li jiġi kkonvertit f'*partnership en nom collectif*. Tgħid li minħabba l-problemi li affaċjaw iżda ftit żmien wara li saret il-konverżjoni xorta kellha tittieħed id-deċiżjoni li jxolju anke l-istess partnership u jitwaqqaf in-negozju.

Tispjega li hi ħadet ħsieb il-proċess tax-xoljiment u dan wara li kkomunikat mal-MBR fejn ġie spjegat lilha x'kellha tagħmel. Tgħid li meta għaddew mill-proċess ma ntebħux li l-garaxx u l-karozza, fuq deskritti, kien għadhom jappartjenu lil partnership u għalhekk ma kellhom l-ebda ħsieb li riedu jifatturaw dawn l-istess assi u ħadd ma ġibdilha l-attenzjoni illi riedu jagħmlu xi ħaġa sabiex il-propjeta` tkun libera u f'isimhom, u anzi ħaditha *for granted* li dan kien proċess awtomatiku.

Tispjega li ssottomettiet ukoll applikazzjonijiet sabiex jiġu diattivati il-PE number u l-VAT number. Tgħid li wara dan kollu ħasbet li kollox kien fl-ordni. Hi ssostni li ftit xhur wara, missierha kien qalilha bil-problema fir-rigward tal-garaxx u tal-karozza u dwar x'kien qallu n-Nutar Pierre Attard u li l-uniku rimedju kien li jittieħdu dawn il-proċeduri.

Fix-xhieda tiegħu l-**Awditur David J. Pace** jgħid li meta kienet għadha attiva l-kumpanija Custom Lab Limited, il-kumpanija tiegħu UHY Pace Galea Musu & Co kienu l-awdituri tagħha u *tax representatives*. Jispjega li fl-2018, id-diretturi iddeċidew li x-xogħol kien naqas tant li riedu jnaqqsu l-ispejjeż sabiex ikunu jistgħu jibqgħu joperaw u għalhekk ġie diskuss konverżjoni f'*partnership en nom collectif* u għalhekk ppreparaw ir-riżoluzzjonijiet u d-dokumenti biex seħħet l-imsemmija konverżjoni li ġew sottomessi lill-MBR u seħħet il-konverżjoni fis-27 ta' Diċembru 2018. Jispjega li l-assi tal-kumpanija f'dak il-mument għaddew fi ħdan il-partnership.

Fix-xhieda tiegħu n-**Nutar Pierre Attard** jikkonferma li l-kuntratt li bih is-soċjeta' Custom Lab Limited kien ġie ppublikat minnu fit-30 ta' Awwissu 1994. Jispjega li tul is-snin kien għamel ħafna xogħol mar-rikorrent Robert Micallef u jiddeskrivih bħala persuna kawt, diliġenti u metikoluż f'xogħlu. Jispjega li fit-2 ta' Settembru 2022, Robert Micallef kien kelmu sabiex idawwar l-imsemmi garaxx fuq ismu u isem martu iżda meta fittex fil-MBR Website u spjegalu li dan it-trasferiment ma setax isir minħabba li kemm il-kumpanija u kemm il-partnership kienu ġew xolti u għalhekk igwidah sabiex ikellem avukat dwar x'seta' jsir. Jgħid li ma jistax jikkonferma l-garaxx hux l-unika propjeta' immobbli minħabba li riċerki ta' Custom Lab m'għamilx.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*
> *(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta għas-soċjetajiet *en nom collectif, i*l-Qorti tirreferi għall-insenjament tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **George Muscat et vs X** deċiża fit-2 ta' Frar 2007, fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjoni:

> *"Ir-Registatur tas-socjetajiet, apparti li oggezzjona b'mod generali fir-risposta tieghu, zied jghid li l-artikolu 300B ma japplikax fil-kaz in ezami*

*billi s-socjeta' Transtrav hija socjeta' f'isem kollettiv mentri dan l-artikolu japplika biss ghal socjetajiet b'responsabilita' limitata. Ighid ukoll pero' li f'dan il-kaz hu mhux qed jikkontesta l-possibilita' illi jerga jinfetah mill-gdid il-process li wassal ghal istralc tas-socjeta' basta li dan ir-rimedju jkun wiehed intiz biss biex jinbieghu il-proprejtajiet immobilljari in kwistjoni li baqghu registrati fuq is-socjeta' Transtrav Services u dana jrid isir f'perjodu li ghandu jigi stabbilit.*

*B'verbal tad-19 ta' Jannar 2007 ir-rikorrenti ddikjaraw li t-talba taghhom saret limitatament biex jinbieghu l-proprejtajiet li baqghu registrati fuq il-kumpanija u talbu zmien ta' massimu ta' tlett snin biex jiddisponu min dina l-proprejta'. Kwantu ghal-posizzjoni legali kif kienet qabel dahlu in vigore l-artikoli 300A u 300B tal-Kap 386 fil-kawza "Abela noe et vs Cachia et", P.A deciza fl-20 ta' Marzu, 2003, il-Qorti kienet ezaminat il-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna u kkonfermat li f'certi cirkostanzi specjali kumpanija tista' terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji avolja tkun giet imhassra. (Ara wkoll sentenzi "Mayflower Co. Ltd et vs Registratur tas-Socjetajiet", deciza P.A. fit-22 ta' Jannar, 1999 u "Migdol Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe" deciza P.A. fit-18 ta' Mejju, 2001 u Dr. L. Cassar Pullicino noe vs Reg. tas-Socjetajiet et deciza P.A. 24 ta' Jannar 2006).*

*Fit-2003 dahlu l-emendi fil-ligi dwar il-kumpanniji Kap 386 li bihom issa hu permess li jsiru rettifiki ta' skema ta' distribuzzjoni Art. 300A u restituzzjoni ta' isem ta' kumpanija fuq ir-registru f'certi cirkostanzi u taht kondizzjonijiet specifici. Art 300B.*

*Illi l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz hemm lok li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha billi t-thassir tal-kumpanija sar bi zball."*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi garaxx bl-isem 'Twango' ġia 'Si', sottopost maisonette li jappartjeni lil terzi, f'Olaf Gollcher Street, Ta' Paris, Birkirkara, kif ukoll vettura tat-tip Toyota Yaris b'numru ta' reġistrazzjoni KBP028 ma ġewx inkluż fl-istralċ tal-*partnership en nom collectif* Custom Lab (P-1844).

Fix-xhieda tagħhom Robert Micallef u Elaine Brincau jgħidu b'mod ċar u inekwivoku li kien żball u żvista li dawn l-assi ma ġewx inklużi fl-istralċ għax ċertament li kien ikun ta' benefiċċju għas-soċji li dawl l-assi jiġu nklużi.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istalċ ġie konkluż mingħajr ma ġew inklużi l-imsemmija assi jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar bi żvista.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi is-soċjeta' *en nom collectif* ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dwar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex jinbiegħu jew alternattivament jiġu assenjati lill-azzjonisti l-propjetajiet msemmiha fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern. Minkejja dan, l-Qorti tosserva li la fir-rikors promotur u lanqas fl-

affidavit tar-rikorrenti m'hemm indikazzjoni preċiża x'ser isir mill-assi. Tifhem li l-garaxx, fuq deskritt, ser jiġi assenjat lir-rikorrent Robert Micallef iżda dwar x'ser isir mill-vettura ma hemmx indikat.

Il-Professur Andrew Muscat ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni tar-rikorrenti, li l-proċedura tal-istralċ tinħtieġ aktar attenzjoni sabiex żbalji jew żvisti simili għal dak li seħħu fil-każ odjern ma jirrepetux ruhom.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, tqis illi t-tħollija barra ta' propjeta` immobbli u mobbli msemmija fir-rikors promotur qabel ma ġie ffinalizzat l-istralċ tal-soċjeta' *en nom collectif* msemmija, kien illegali u jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi sabiex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. **Tordna** li l-isem l-partnership *en nom collectif* **Custom Lab (P-1844)** jerġa` jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. **Tordna** illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess soċjeta' *en nom collectif* **Custom Lab (P-1844)** limitatament sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġu trasferiti lir-rikorrenti jew lil terżi tal-għażla tal-istess rikorrenti l-assi li jikkonsistu f'garaxx bl-isem 'Twango' ġia 'Si' sottopost maisonette li jappartjeni lil terzi, f'Olaf Gollcher Street, Ta' Paris, Birkirkara u kif ukoll vettura tat-tip Toyota Yaris b'numru ta' reġistrazzjoni KBP 028.

3. **Taħtar** lill-Awditur David J. Pace, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 491562(M) ta' UHY Pace, Galea Musu` & Co. sabiex jassumi, a spejjes tar-rikorrenti, il-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tas-soċjeta' *en nom collectif* **Custom Lab (P-1844)**.

4. **Tordna** lill-istess stralcjarju sabiex jagħmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jiġu trasferiti lir-rikorrenti jew lil terżi tal-għażla tal-istess rikorrenti l-assi li jikkonsistu f'garaxx bl-isem 'Twango' ġia 'Si' sottopost maisonette li jappartjeni lil terzi, f'Olaf Gollcher Street, Ta' Paris, Birkirkara, kif ukoll vettura tat-tip Toyota Yaris b'numru

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

ta' reġistrazzjoni KBP 028 u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tas-soċjeta *en nom collectif* **Custom Lab (P-1844)** għandu jkun komplut sa zmien <u>massimu</u> ta' sena mill-llum, b'dan illi wara din is-sena ir-Reġistratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem is-soċjeta' msemmija minn fuq ir-Registru tal-soċjetajiet;

b) F'eventwalita' illi jiġu mibjugħa u/jew mod iehor trasferiti l-imsemmija assi qabel t-trapass tas-sena msemmija, allura r-rikorrenti għandhom javżaw b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-soċjeta' minn fuq ir-Reġistru tal-soċjetajiet minnufih.

c) Illi l-Oorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju tagħha sabiex isir xi haġa oħra, <u>għajr għal dak hawn deċiz</u> u huwa għalhekk illi l-Qorti qed taghmilha cara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru, is-soċjeta *en nom collectif* **Custom Lab (P-1844)** tista` biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tittrasferixxi l-assi hawn fuq immsemmija u xejn aktar.

d) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem is-soċjeta *en nom collectif* **Custom Lab (P-1844)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem is-soċjeta' wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**